MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta ta' l-1 ta' Dicembru, 2011

Numru 468/2011

**PULIZIJA**
**SPETTUR CHRIS PULLICINO**
**VS**
**PETER GERADA**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Peter Gerada ta’ 34 sena, iben George u Rita nee’ Vella, mwieled tal-Pieta’ fit-7 ta’ Gunju 1976, u joqghod Blk B3, Flat 3, Triq in-Newl, Hal Mula, Zebbug u detentur ta’ karta ta’ l-identita’ bin-numru 312876(M).

Illi akkuzat talli nhar is-27 ta’ Marzu 2011 ghall-habta ta’ l-10.30am minn gewwa Triq Dun Luret Callus Haz-Zebbug, ikommetta serq ta’ vettura bin-numru ta’ registrazzjoni GAT 651 liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi l-elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu tal-ewro (2329.37ewro) u bix-xorta tal-haga

misruqa, liema serq sar ghad-detriment ta’ Philip Bezzina u/jew persuna/i ohra;

U aktar talli fl-istess data ghall-habta ta’ 01.00pm, gewwa Triq l-Msida, Gzira ikkommetta serq ta’ diversi oggetti minn fuq il-persuna ta’ Josephina Johanna Maria Van Ommeren liema serq sar ghad-detriment ta’ l-imsemmija Josephina Johanna Maria Van Ommeren u / jew persuna/i ohra;

U aktar talli fl-istess data ghall-habta ta’ 01.55pm, gewwa Triq Guze’ D’Amato, Paola bil-hsieb li jikkommetti delitt, wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta’ dan id-delitt, liema delitt ta’serq ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta’ tieghu u kieku sehh kien ikun sar ghad-dannu ta’ Salvino Grech u/jew persuna/i ohra;

U aktar talli fl-istess data ghall-habta ta’3:00pm, minn gewwa l-Hanut ‘Ta Kalc’ Bakery sitwat fi Triq Hompesh, Fgura ikkommetta serq ta’ flus kontanti liema serq sar ghad-detriment ta’ Fabianne Grech u/jew persuna/i ohra;

U aktar talli fl-istess data ghall-habta ta’7:45pm, gewwa Triq San Martin, Zurrieq ikkommetta serqa ta’ ‘camera’ fotografika digitali liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin ewro u tlieta u disghin centezmu tal-ewro (232.93ewro) izda ma jiskorrix l-elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu tal-ewro (2329.37 ewro) liema serq sar ghad-detriment ta’ Lawrence Caruana u/ jew persuna/i ohra;

U aktar talli fl-istess data ghall-habta ta’ 8:00pm, gewwa s-Siggiewi ikkommetta serq ta’diversi dokumenti minn gewwa vettura tal-ghamla Transit Connect bin-numru tar-registrazzjoni BGV 045 liema serq sar ghad-detriment ta’ Joseph Farrugia u/jew persuna/i ohra;

U aktar talli fil-lejl ta’ bejn is-27 u t-28 ta’ Marzu 2011, ghall-habta ta’ 00:15am, gewwa Triq is-Swieqi, Swieqi ikkommetta serq ta’ diversi oggetti minn fuq il-persuna ta’ Carmela Carbonara liema serq huwa kkwalifikat bil-hin u

bil-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin ewro u tlieta u dighin centezmu tal-ewro (232.93ewro) izda ma jiskorrix l-elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu tal-ewro (2329.37ewro) u liema serq sar ghad-detriment ta' Carmela Carbonara u/jew persuna/i ohra;

U aktar talli nhar it-28 ta'Marzu 2011 ghall-habta ta' 07.40am gewwa Triq San Bartolomew, Qormi, ikkommetta serq ta' diversi oggetti minn fuq il-persuna ta' Josephine Cucciardi liema serq sar ghad-dannu ta' l-imsemmija Jesephine Cucciardi u/jew persuna/i ohra;

U aktar talli fil-lejl ta' bejn is-27 u 28 ta' Marzu 2011 ghall-habta ta' 00:15am gewwa Triq is-Swieqi, Swieqi ikkaguna ferita ta'natura hafifa fuq il-persuna ta'Carmela Carbonara hekk kif gie ccertifikat mit-tabib Dr Stephen Muscat tal-Isptar Mater Dei.

U aktar talli xi hin bejn is-27 u t-28 ta' Marzu 2011 f'dawn il-gzejjer, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharrraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe ghamel hsara fil-vettura GAT 651 ghad-dannu ta'Philip Bezzina liema hsara hija ta'aktar minn mija u sittax il-ewro u sebgha u erbghin centezmu tal-ewro izda ma tiskorrix l-elf, mija u erbgha u sittin ewro u sebgha u sittin centezmu tal-ewro.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat l-artikli elenkati mill-Avukat Generali taht liema artikoli din il-Qorti tista ssib htija fl- imputat.

Rat il-verbal tal-20 ta'Lulju, 2011 fejn l-imputat ma sabx ogezzjoni li jigu gudikat minn din il-Qorti.

Semghet l-amissjoni ta' l-imputat registrata fis-26 ta'Mejju 2011

Semghet il-konferma ta' l-istess amissjoni wara li l-Qorti akkordat zmien ragenoveli ghall-ripensament;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

Fuq l-istess amissjoni tieghu il-Qorti issib lill-imputat hati skond l-akkuza u wara li rat Artikoli 18, 261 (c) (g), 267, 271, 279 (b), 280 (1), 281 (a), 284, 214, 215, 221, 325 (1) (b), 28 A, 28 G tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta'Malta, Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 u tikkundana lill-imputat Peter Gerada ghall-sentejn prigunerija sospiza ghall-erba' (4) snin. In oltre tqeghdu taht *Supervision Suspended Order* ghall-perjodu ta-tliet (3) snin taht is-Sorveljanza tad-Direttur tal-*Probation Services* jew *Probation Officer* iehor minnu nominat.

Illi in oltre tordna il-hrug ta' *Treatment Order* fil-konfront ta' Peter Gerada ghall-perjodu ta' sentejn (2) sabiex l-imputat jikkompleta sal-finalita tieghu il-programm ta' rijabilitazzjoni kontra droga li hu beda mall-istituzzjonijiet tal-*Caritas*.

Din il-piena qedgha tigi akkordata in vista ta' l-amissjoni bikrija ta' l-imputat, il-Fedina Penali tieghu u l-fatt illi ir-reati li bihom jinstab mixli l-imputat, huma kollha konsegwenza tal-vizzju ikrah tad-droga li hakem lill-imputat, il-fatt li fil-mori tal-kawza l-imputat ghazel li jibda il-programm minn rajh, liema programm qieghed jigi segwit b'assidwita.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem semplici is-sinjifikat u konsegwenzi ta' sentenza ta' supervizzjoni f'sentenza sospiza u *Treatment Order* .

Il-Qorti torda kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-*Probation Services* li ghandu jirraporta bil-miktub fuq il-progress o meno ta' l-imputat kull sitt xhur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------